MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
DEMICOLI AUDREY**

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1053/2002/1

**Avviz Numru 1053/02 AJD**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Giovanni Aquilina ghan-nom u in rappresentanza ta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited abbazi tal-polza ta' assikurazzjon itat-tip 'comprehensive' u tal-ligi u l-istess Giovanni Aquilina ghan-nom u in rappresentanza ta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited**

**vs**

**Maria Luana Zammit**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u hamsa u hamsin lira

Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm955.67) rapprezentanti danni kagunati lill-attur Giovanni Aquilina nomine, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, abbazi tal-polza tat-tip comprehensive, salv ghall-'excess' ta' Lm25.00 kif ukoll Lm51.75 ghall-kiri ta' karozza alternattiva, mhallsa mill-istess Giovanni Aquilina nomine, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta' April 2001 ghal habta tat-8.00am, gewwa Triq Sir Adriano Dingli, Sliema bejn il-vettura EAC 157 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru tar-registrazzjoni ALX 850, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.
Bl-ispejjes,inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2002, u ta' dik li qed tintbghat kontestwalment lis-socjeta' assikurstrici tal-konvenuta Middle Sea Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2002 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti;
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici in kwantu Andrew Attard li kien qed isuq il-karozza bin-numru EAC 157 propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici habat gol-vettura ALX 850 misjuqa mill-konvenuta Maria Luana Zammit u dan stante traskuragni, mpeerizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-trafffiku da parti tieghu.
Illi ghalhekk il-konvenuta ma kellha ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni u ghalhekk m'hijiex responsabbli ghad-danni pretizi mis-socjeta' attrici.
Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Ra l-kontro-talba prezentata mill-konvenuta fir-rsposta taghha fejn talbet li l-atturi jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' elf u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm1085.00) bhala danni kagunati lill-propjetarju tal-vettura misjuqa minnha fl-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza.

Ra r-risposta prezentata mill-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn humma eccepew in-nullita’ tal-istess kontro-talba.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Settembru 2002 fejn Dr. Edward Saliba ghall-konvenuta rtira l-kontro-talba tal-istess konvenuta.

Sema’ xx-xhieda ta’ PS1102 Robert Everest, ta’ Dr. Ramona Frendo in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, ta’ Andrew Attard u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema’ tt-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fl-14 ta’ April 2001 gewwa Triq Sir Adrian Dingli, Sliema bejn il-vettura bin-numrut tar-registrazzjoni EAC 157 misjuqa minn Andrew Attard u propjeta’ tal-attur Giovanni Aquilina nomine, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALX 850 misjuqa mill-konvenuta .

Illi Andrew Attard xehed li fid-data tal-incident l jifforma l-mertu tal-kawza huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAC 157, kien tiela Dingli Street u ried jaqsam ghal St’Mary Strreet.  Qabel ma sehh l-impatt huwa kien wasal ezatt fit-tarf ta’ Dingli Street. Huwa ra l-vettura tal-konvenuta gejja mid-direzzjoni ta’ High Streeet, ghafas il-brejk, waqaf u sehh l-impatt. In kontro-ezami huwa kkonferma li ma ghameel ebda sinjal li ried idur ghal St’ Mary Street stante li s-soltu ma jsirux sinjali.Huwa qal ukoll li hu u l-konvenuta t-tnejn ghafsu l-brejk fl-istess mument, u cioe’ malli raw lil xulxin. Il-vettura tal-konvenuta kienet  madwar 22 pied il-boghod minnu meta raha l-ewwel darba.

Illi l-konvenuta xehdet li fid-data ta-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha f’High Street, Tas-Sliema u riedet tidhol f’Dingli Street. Meta waslet biex kwazi tidhol f’Dingli Street rat il-vettura ta’ Attard u peress li huwa ma kellux l-

‘indicator’ mxghul, hija presumiet li huwa kien ser jipprocedi ghal High Strret izda, f’daqqa wahda dan dar biex jidhol f’St’Mary Street, hija ghafset il-brejk, izda inutilment ghaliex sehh l-impatt. In kontrro-ezami hija spjegat li l-kollizjoni sehhet ezatt malli taqbez it-tlett sigriet li hmm fil-lokalita u li hija rat lill-vettura l-ohraa precizament meta kienet kwazi qabzet dawn it-tlett sigriet.Hija qalet ukoll li waqfet biss meta rat il-vettura l-ohra ser iddur u qalet li fl-ebda mument ma rat lill-vettura l-ohra tieqaf jew tnaqqas il-velocita'.

Illi fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident de quo huma responsabbbli ghall-akkadut ghaliex hadd minnhom ma naqqas il-velocita’ qabel ma wasal fit-tarf tat-triq li kien qed jipprocedi fiha. Iz-zewg sewwieqa ‘ex admissis’ it-tnejn ikkonfermaw li huma ghafsu l-brake u waqfu biss fil-mument li raw il-vettura l-ohra. L-entita’ tal-hsarat fiz-zewg vetturi wkoll tikkonferma li z-zewg sewwieqa ma naqsux il-velocita. Is-Surgent li nvestiga l-kaz ikkonferma li fit-tarf ta’ High Street ma hemm ebda Stop Sign jew Give Way Sign. L-istess jinghad ghal Dingli Street. It-Tribunal jidhirlu li dawn iz-zewg toroq huma ta’ importanza ugwali u peress li l-incident sehh fil-‘Y junction’ li hemm bejn dawn iz-zwg toroq u St’Mary Street, u cioe t-triq li ried jidhol fiha Attard, ser jigi applikat il-principju li s-soltu jintuza ghal habtiet li jsehhu f’salib it-toroq fejn iz-zewg toroq ikunu ta’ mportanza ugwali. F’dawn il-kazijiet is-sewwieq fuq in-naha tal-lemin jinghata l-precedenza u r-responsabilita’ tigi apporzjonata in kwantu ghal terz kontra dan tal-ahhar u zewg terzi kontra s-sewwieq l-iehor. Fil-kaz odjern is-sewwieq li kien tiela minn Dingli Street, u cioe’ Andrew Attard kien ‘the driver on the right’ u ghalhekk huwa ghandu jassumi terz (1/3) mir-responsabilita’ ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni filwaqt li l-konvenuta ghandha tassumi zewg trzi (2/3) mir-responsabilita’.

Illi in kwantu jirrigwarda d-danni reklamati mill-atturi, l-konvenuta ma kkontestatx l-quantum u inoltre l-atturi esibew l-ircevuti relattivi. Id-danni sofferti mill-atturi kienu jammontaw ghal disa’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm955.67) u ghalhekk il-

konvenuta ser tigi kkundannata thallas lill-atturi zewg terzi (2/3) minn dan l-ammont, u cioe' sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm637.11).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal, filwaqt illi jastjeni milli jehu konjizzjoni tal-kontro-talba tal-konvenuta, jaqta u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm637.11) u dan ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u sebgha u tletin lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm637.11), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2002, u ta' dik li ntbaghtet kontestwalment mal-Avviz tat-Talba lis-socjeta' assikurstrici tal-konvenuta, jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenuta u terz (1/3) mill-atturi.